GĦAXAQ

Minuti tal-Laqgħa Nru.30 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2011, fis-6.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

## Aġenda

1. Rapport ta' Ħidma;
2. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-Sena 2011;
3. Suġġerimenti

GĦAXAQ

**1. Laqgħa Annwali**

Is-Segretarju qalet li l-Laqgħa Annwali saret u l-ilmenti li kien hemm mill-uniku Membru tal-pubbliku li attenda kienu dwar Triq il-Qattus li qeda f'żewġ partijiet biex iż-żewġ partijiet jissemmew differenti.

Il-Viċi Sindku wieġeb li dawn iż-żewġ partijiet ta' Triq il-Qattus li huma mifrudin biċċa art bejniethom maż-żmien din il-biċċa art ser issir parti minn dawn iż-żewġ partijiet u flimkien jiġu jiffurmaw triq waħda li hi din ta' Triq il-Qattus. Il-Viċi Sindku kompla biex jgħid fuq l-istess anomalija hemm aktar toroq li qegħdin bħal din it-triq.

Dan il-Membru kkumenta wkoll dawr iż-żbir tas-siġar fil-*Housing Estate*. Is-Sindku wieġeb li dan hu xogħol fil-programm li ser jitwettaq mill-Kunsill.

Ma kienx hemm suġġerimenti li l-Kunsill kellu jiddiskuti b'mod partikolari fl-Aġendi sussegwenti tiegħu jew li b'xi mod ibiddlu xi stimi għall-*Budget* li tħejja għas-sena li ġejja.

**2. Rapport ta' Ħidma**

Is-Segretarju qrat ir-Rapport ta' Ħidma li ħejjiet (app. 1). Il-Membri ma' talbu l-ebda tibdil biex isir fih u għalhekk is-Sur Vassallo ressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Issekonda is-Sur Alan Picco u ġie approvat.

Sandanittant is-Sindku qara d-Diskors tiegħu dwar il-Ħidma tal-Kunsill matul 2010. (app. 2).

**3. Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2011**;

Il-Viċi Sindku u Chairperson tal-Kumitat tal-Finanzi, s-Sur Abdilla qara u u ta spjegazzjoni ta' l-Estimi ta' xi dħul u ħrug huwa antiċipat għas-sena li tibda fl-1 ta' Jannar 2011, wara li l-Gvern alloka bħala fondi s-somma ta' €293,687 u lid-dħul se jkun ta' €457,173.27, ħrug se jkun ta' €457,130.00 u jibqa bilanc ta' €43.27. (app. 3)

Is-Sur Abdilla staqsa jekk kienx hemm osservazzjonijiet li jimmeritaw ċaqlieq fl-abbozz li tħejja għall- Estimi li ġie diskuss f'seduta preċedenti tal-Kunsill. Saret ċaqlieqa waħda minn 7101 għat-2500 provvediment għall-*membership* tal-GAL Xlokk minhabba li wara diskussjoni qasira il-Kunsill iddecieda li jissieheb fil-GAL Xlokk. Is-Sur Abdilla ppropona li l-Estimi jiġu approvati. Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill approvahom unanimament.

**4. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

1. Il-Viċi Sindku qal li avvicinawh residenti fi Triq Ġammari Dalli fejn urew ix-xewqa li titpoġġa *skip* fejn kien hemm waħda qabel. Is-Sur Abdilla qal li l-biċċa kbira tal-koppji f'din l-akwata jaħdmu t-tnejn u hu aktar konvenjenti għalihom li jkollhom *skip*. Qal ukoll li dawn se jagħmlu petizzjoni.

Il-Kunsill qabel li dawn ma hemmx għalfejn issir petizzjoni iżda titpoġġa *skip* fejn kien hemm waħda qabel.

2. Is-Sinjura Agius qalet li kella lment li residenta viċin l-uffiċċju tal-Kunsill kienet qeda toħroġ il-borża tal- iskart nhar ta' Ħadd filgħodu. Is-Sinjura Agius qalet li tajjeb jekk ninfurmawha b'ittra. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb ikellimha hu biex ma toħroġx il-borża tal-iskart nhar ta' Ħadd.

3. Is-Sur Picco qal li jkun tajjeb jekk tintbagħat ittra personalizzata lir-residenti fen ser isiru t-toroq bit-tarmak biex ninfurmawhom dwar x'ser isir. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li għandu nformazzjoni li l-proġett tat-tankijiet taż-żejt li kien ser isir fi Triq il-Belt Valletta, issa mhux ser isir u minflokhu ser isiru garaxxijiet għall-intrapriżi żgħar. Is-Sur Vassallo qal li jkun sewwa jekk tintbagħat ittra lir-residenti biex nirringrazzjawhom tal-għajnuna bil-petizzjoni li għamlu biex dan il-proġett tat-tankijiet taż-żejt ma jsirx. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop kiseb fondi biex isiru korsijiet tal-*ECDL* u jixtieq li l-Kunsill ta' Ħal Għaxaq flimkien ma' xi żewġ Kunsilli oħra jissieħbu biex jagħmlu dawn il-korsijiet.

Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ta' Ħal Għaxaq kull ma' jrid joħroġ huma €100 biex jintużaw għal posta biex jiġu nfurmati r-residenti dwar dan il-kors. Is-Sur Vassallo qal li il-kumpanija TCTC ser tgħallem tlett *modules* tal-*ECDL* b'xejn u min ikun irid japplika għal *modules* tal-*ECDL* l-oħra ser jingħataw bi prezz issussidjat. Il-Kunsill qabel li jagħmel dan il-kors.

6. Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd li għadda jiġifieri fit-23 ta' Jannar 2011, il-Prim Ministru Dr. Gonzi għamel żjara fir-raħal ta' Ħal Għaxaq u filwaqt li żar il-Każini kollha, l-Kunsill ma ġiex infurmat b'din iż-żjara.

Is-Sinjura Agius qalet li din iż-żjara li għamel il-Prim Ministru kienet żjara bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn jinforma l-Kunsill dwar din iż-żjara.

Is-Sinjura Agius kompliet tgħid li minħabba li din hija s-sena tal-Volontarjat il-Prim Ministru qiegħed jagħmel dawn iż-żjarat bħala Kap tal-Partit.

7. Is-Sindku qal li jeħtieġ isiru tlett arbli tal-bandieri fl-intrata tal-Kunsill, dik ta' Malta, tal-Unjoni Ewropeja u ta' Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel li dawn isiru filwaqt ukoll li jinxtraw żewġ bandieri oħra għall-Kunsill.

**Aġġornament**

Is-Sindku ressaq l-aġġornament tas-Seduta fis-7.30pm għal nhar it-Tnejn 14 ta' Frar 2011, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

| | |
|---|---|
| Emanuel Vassallo | Therese Xuereb |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Ikkonfermati :- it-Tnejn 14 ta' Frar 2011, fis-2.00pm**